MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru 1027/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti )**

**vs.**

**Clement Mercy**
**Dawda Sivini**
**Eguavon Precious**
**Loki Odije**
**Mohammed Traore**
**Nufuttaw Cittu**
**Sumaiya Sokuba**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

Clement Mercy ta’ 24 sena, Nazzjonalita Nigeriana bint Clement u Roslyn, imwielda f’’Nigeria fit-2 ta’ Ottubru

1986, u joqghod Hal Far Open Centre, Police Boat number 08BBBB-036; u

Dawda Sivini ta’ 22 sena, Nazzjonalita Ivory Coast bin Uruo u Givaloli, imwieled gewwa Inmur f’ 1988, u joqghod gewwa St’ Paul ‘s bay, Police Boat number 08YY-23; u

Eguavon Precious ta’ 26 sena, Nazzjonalita Nigeriana, bint Eguavon u Grace, imwieled gewwa Nigeria f’ sena 1984, u joqghod gewwa Bugibba, Police Boat number 08TTT-019; u

Loki Odije ta’ 30 sena, Nazzjonalita Nigeriana, bin Odije u Kelina, imwieled gewwa in Nigeria fit-13 ta’ Novembru 1980, u joqghod gewwa Marsa Open Centre, Police Boat number 08VV-007; u

Mohamed Traore ta’ 35 sena, Nazzjonalita minn Mali, iben Goafini u Minata, imwieled gewwa Mali f’ 1975, u joqghod gewwa Marsa Open Centre, Police Boat number 08UU-006; u

Nufuttaw Cittu ta 34 sena, Nazzjonalita Ivory Coast, iben Cittu u Veronique, imwieled gewwa Ivory Coast f’ 1976, u joqghod gewwa Hal Far, open Centre, Police Boat number 08JJ-054; u

Sumaiya Sokuba ta 37 sena, Nazzjonalita minn Ivory Coast, iben Draman u Kolima, imwieled gewwa Ivory Coast f’ 05.05.1973, u joqghod gewwa Hal Far open centre, Police Boat number 08YY-061

Akkuzati talli f’dawn il-gzejjer fil-6 ta’ Ottubru 2010 gewwa l-Ajruport nazzjonali u granet qabel u bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti.

a) Iffalsifikaw, biddil jew ghamlu xi tibdil f’passaporti, kif ukoll fuq dokumenti ta VISA, jew ghamlu uzu jew kienu fil pussess ta’ dawn id-dokumenti li jafu li kienu iffalsifikati,

mibdula jew li sar xi tibdil fuqhom, u dan bi ksur tal-artikolu 5 tal-kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi falsifikaw jew xjentament ghamlu uzu minn xi dokumenti (hawn fuq imesmmija) jew xi dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur tal- artikolu 189 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi taw jew geghlu jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tgharif ta fatti foloz lil ufficjal tal-immigrazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 32(1c) tal-kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba, sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk dejjem dan ikun il-kaz, skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni moghti mill-Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4) tal-Kapitolu 9, biex dan il-kaz jinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, u wara li rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzathom bil-konsegwenti legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu’ jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena u li l-partijiet qablu li l-piena ghandha tkun wahda ta’ sitt xhur habs effettivi.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputati stess, il-Qorti issib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati, il-fedina penali nadifa taghhom;  il-fatt li huma ikkoperaw mal-pulizija, u l-fatt li z-zewg partijiet rregistraw qbil dwar il-piena li ghandha tinghata.

In vista tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li ma kien hemm l-ebda hatra ta' esperti f'dan il-kaz, il-Qorti qeghda tastjeni  milli tiehu konjizzjoni ta' l-ahhar talba tieghu fic-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32 (1) (c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, tikkundannahom ghal piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------